**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**Vs**

**Marian Tenescu**
**Theodor Dumitrescu**
**Vasilica-Ionel Harabagiu**

**Illum 25 ta' Mejju 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Marian Tenescu**, iben Mircea Tenescu u Ilinca neè Novac, imwieled ir-Rumanija nhar it-22 ta' Novembru 1980 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf u detentur tal-Karta ta' l-Identità Rumena bin-Numru IF 435862; **Theodor Dumitrescu**, iben Theodor u Maria, imwieled ir-Rumanija nhar il-05 ta' Awwissu 1967 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf u detentur tal-Karta ta' l-Identità Rumena bin-Numru RT 846250; u **Vasilica-Ionel Harabagiu**, iben Costel u Lilioara, imwieled ir-Rumanija nhar id-19 ta' Jannar 1982 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf u detentur tal-Karta ta' l-Identità Rumena bin-NumruRX 405381, talli nhar l-20 ta' Mejju 2018 bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofsinhar (10:00hrs – 12:00hrs) gewwa Marsaxlokk u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Ikkommettew serq ta' kartiera bi flus kontanti, dokumenti u oggetti ohra ghad-detriment ta' Patricia Crawford u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minn gewwa l-Bank HSBC li jinsab Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu ghad-detriment ta' Patricia Crawford u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

u lil Theodor Dumitrescu wahdu talli:

3. Sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni: (i) stqarrija rilaxxata minn Theodor Dumitrescu - Dok. "A"; (ii) stqarrija rilaxxata minn Marian Tenescu - Dok. "B"; (iii) stqarrija rilaxxata minn Vasilica -Ionel Harabagiu - Dok. "C"; (iv) rapport tal-Pulizija dwar l-incident - Dok. "D "; (v) il-fedina penali ta' l-imputat Marian Tenescu - Dok. "E"; (vi) il-fedina penali ta' l-imputat Vasilica-Ionel Harabagiu - Dok. "F"; (vii) il-fedina penali ta' l-imputat Theodor Dumitrescu - Dok. "G"; (viii) fotokopja tal-Karta ta' l-Identità Rumena ta' l-imputat Tenescu Marian – Dok. "H" (ix) fotokopja tal-Karta ta' l-Identità Rumena ta' l-imputat Theodor Dumitrescu – Dok. "I"; (x) fotokopja tal-Karta ta' l-Identità Rumena ta' l-imputat Vasilica-Ionel Harabagiu – Dok. "J"; (xi) il-kunsens ta' l-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta – Dok. "K";

Rat illi l-imputati ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u kull wiehed minnhom wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi rispettivament migjuba fil-konfront taghhom u anki dawk migjuba individwalment u rat li huma ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jigu akkuzati talli nhar l-20 ta' Mejju 2018 bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofsinhar (10:00hrs – 12:00hrs) gewwa Marsaxlokk u f'dawn il-Gzejjer:- (a) Ikkommettew serq ta' kartiera bi flus kontanti, dokumenti u oggetti ohra ghad-detriment ta' Patricia Crawford u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-

valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minn gewwa l-Bank HSBC li jinsab Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq permezz ta' karti ta' kreditu ghad-detriment ta' Patricia Crawford u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37); u li Theodor Dumitrescu wahdu talli: (c) sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Kull wiehed mill-imputati, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi hekk dedotti fil-konfront tieghu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni il-Qorti ssib lil kull wiehed mit-tlett imputati hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 41, 267 u 279 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-rigward ta' Theodor Dumitrescu ukoll l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ittenni li qed issib lil kull wiehed mit-tlett imputati hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, tikkundanna lil:

**Marian Tenescu** ghal terminu ta' prigunerija ta' hames (5) xhur effettivi;
**Vasilica-Ionel Harabagiu** ghal terminu ta' prigunerija ta' hames (5) xhur effettivi; u lil
**Theodor Dumitrescu** ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur effettivi.
.
Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputati bid-dritt taghhom li jinghataw kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhmu, izda l-imputati entrambe ddikjaraw li huma sodisfatti bit-traduzzjoni orali li nghatatilhom tas-sentenza waqt il-qari ta' l-istess sentenza.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**